**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

---

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 58

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 58 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 24 ta'Jannar 2023, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut 17 ta'Jannar, 2023
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Carlos Zarb Viċi Sindku
- Daryl Connor Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Mary Borg Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier

Online

- Alfred Bray Kunsillier
- Anne Marie Fenech Kunsillier

Skużati

- Paul Bugeja Kunsillier
- Mario Joseph Salerno Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**58.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mingħand il-Kunsilliera Mario Salerno u Paul Bugeja

**58.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti -** *Laqgħa numru (57)*

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti laqgħa 57 hekk kif tressqu. Il-Kunsillier Mary Borġ issekonda l-mozzjoni.
Il-minuti tal-laqgħa 57 ġew approvati.

**58.3 Punti mill-Minuti**

- **Ġbir ta' Skart - Informazzjoni dwar il-Kuntratti**

Il-materjal publiċitarju wasal il-kunsill fil-ġimgħa tal-Milied, 6 t'ijiem biss qabel bdit skeda ġdida fi żmien tax-shutdowns. Ma kienx possibbli li tinħareġ RfQ, jiġi printjat flyer u jitqassam mingħajr ma tinkiser il-liġi.

10/01/2023 - Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali tagħna struzzjonijiet, biex il-kunsilli lokali ma jieħdu l-ebda jnizzjattiva relatata mal-qasam ta' l-immaniġġjar ta' skart, inklużi servizzi addizzjonali jew servizzi barra mill-iskeda nazzjonali.

13/01/2023-.Ir-Reġjun Tramuntana informa, li għal żmien temporanju l-kollettur se jiġbor ammonti żgħar ta' kartun kummerċjali u s-CMD tiġbor il-kumplament.

Il-kunsill irrimarka, li l-fatt li t-tender jispeċifika li l-ġbir ta' skart huwa domestiku biss, huwa sta għall-kuntrattur jekk jiġborx jew le skart mingħand tal-ħwienet. Ġie nnutat ukoll, li l-kuntratt jgħati dritt lill-kuntrattur li l-iskart jinġabar munzell fit-triq. Dan se jkun detriment għar-residenti u l-lokalita.

Kopji ta' dokumenti relatati tpoġġew fuq il-mejda tal-kunsill.

- **Xiri ta' servizz ta'Avukat**

Il-kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għax-xiri ta' servizz ta' Avukat.

**58.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- *FITA services and courses*
- Il-Fondazzjoni għal Aċċessibilita u Teknoloġija ta' l-Informatika (FITA) qeda toffri diversi lezzjonijiet b'xejn lir-residenti. Il-kunsill qabel li jara x'possibilita hemm li xi lezzjonijiet jiġu offruta fl-istess ħinijiet tal-Longlife Learning. Dan minħabba il-fatt li l-kunsill ma għandux post addattat.
- *Lezzjonijiet tal-YOGA*

  Il-persuna li qeda tagħti l-lezzjonijiet tal-YOGA infurmat li ġiet offruta li tuża Gym fil-limiti tal-Pwales mingħajr ebda ħlas. Kull nhar ta' Sibt fix-Xitwa. Qed jintalab,

biex il-kunsill jippromovi l-postijiet taċ-ċentri fiżiċi u li l-attivita'qed issir bil-kolloborazzjoni magħhom.

Il-kunsill qabel mas-suġġeriment.

- *EU project on Migration and Cities*

  Il-kunsill approva li jipparteċipa fil-proġett.

- *Karnival tas-Sajf*

  Il-kunsill għadu jistenna risposta għar-rikjesta tiegħu tat-3 ta' Jannar 2023 biex Festivals Malta ittella l-Karnival tas-Sajf ta' Buġibba b'kolloborazzjoni mal-kunsill.

- *Ringrazzjament - Rigal bi mħabba*

  Il-kunsill innota l-ittra ta' ringrazzjament tal-mara tal-Prim Ministru,Dr.Lydia Abela.

- *Limbordin – Rikjesta biex l-akkwati jitqabdu mas-sistema ta' drenaġġ*

  2 ta' Novembru 2022 – Il-kunsill irċieva petizzjoni biex titressaq lill-Korporazzjoni ta' l-ilma biex il-Limbordin jitqabbad mas-sistema tad-drenagg.
  19 ta' Jannar 2023 – Il-Korporazzjoni ta' l-ilma nfurmat li r-rikjesta tal-kunsill biex il-Limbordin jitqabbad mas-sistema tad-drenagg ma tistax tiġi milqugħa fil-preżent. Mhux jiġi eskluż li l-proġett isir aktar il-quddiem.

  Il-kunsill qabel li residenti jiġu nfurmati b'ittra.

**58.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Chris Vella Petroni staqsa;

1. *Il-kunsill għandu jdea ta' meta l-Bus shelters se jitwahlu peress li bdiet ix-xitwa?*

**Risposta**: Huwa mifhum, li l-ebda bus shelter ma ġie nstallat konsegwenza ta' kawża fil-Qrati.

2. *L'art fejn kien hemm il-Mini Golf Bugibba; din ġiet f'idejn il-kunsill?*

**Risposta**: Ma huwiex mifhum li waslet risposta mill-awtorita nkwistjoni.

Is-Sindku talab sospenzjoni ta' item 58.7 ta' agenda jinqabes sakemm tasal l-accountant.
Il-Viċi Sindku Carlos Zarb issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con

**58.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

58.6.1 **Baġit Annwali 2023**

L-accountant tal-kunsill tagħt spjegazzjoni tar-rapport u rrispondit diversi mistoqsijiet tal-kunsilliera. Wara li saru l-emendi segwenti, is-Sindku Alfred Grima ressaq għal approvazzjoni l-Baġit Annwali 2023.

Refuse collection tiġi €369,893
Repairs tiġi €64,000
Law Enforcement €25,000
Community €130,000
Vettura €20,000 (Investiment kaopitali)

Il-mozzjoni ġiet issekondata milL-Viċi Sindku
Il-kunsill approva nem.con

**58.7 Performance Bonus – Ħaddiema**

Il-bonus ingħata għab-bażi ta' marki mgħotija u fuq kriterji stabbiliti. Filwaqt li l-kunsill approva r-rapport tal-performance bonus kif ġie issuġġerit mis-Segretarju Eżekuttiv, kien hemm qbil ukoll, li għal quddiem, il-kriterji għandhom jinkludu n-nuqqas ta' puntwalita' li ħaddiem jidħol tard għax-xogħol fil-għodu.

**58.8 Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku Alfred Grima informa, li b'riżultat tal-ftehim kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi fl-2022, sar tibdil ta' kif jingħata l-bonus inkwistjoni. Fejn illum id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ġie nvolut fil-proċess ukoll.

Il-kunsill approva r-rapport kif ġie ssuġġerit mis-Sindku.

**58.9 Bye-Laws**

**Parkeġġ Skola Qawra**

Il-kunsill approva d-draft ta' Bye-Law imressqa li tawtorizża lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li jiġbor fondi aktar mill-allokazzjoni li jingħata mill-gvern. Dan permezz ta' tariffa għal kull min juża l-parkeġġ ta'l-iskola tal-Qawra.

**Approvata**

**58.10 Xoljiment tal-Kumitat Konġunt**

20/12/2022 – Inżammet laqgħa fl-uffiċini tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, biex inbeda proċess għax-xoljiment tal-Kumitat Konġunt Tramuntana li kien ilu snin inattiv. Din l-inizzjattiva li ttieħdet mis-Sindku Alfred Grima u s-Sindku ta' l-Imġarr Paul Vella se twassal biex il-kunsill jirkupra ċirka ta' €9,400 euros dovuti.

Bħala punt ta' referenza, is-Sindku Alfred Grima poġġa kopja tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt Tramuntana li nżammet fit-28 ta' Frar, 2014.

**58.11 €78,462 Arretrati dovuti lill-Kunsill Perjodu 2010 - 2014**

Management Letter 2022 – L-awdituri reġaw ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill, biex is-sitwazzjoni ta'debitu tiġi ndirizzata. Fost id-diversi każi hemm, €78,462 f'arrettrati, li kienu dovuti lill-kunsill mill-Water Services Corporation, bl-ammont ta' €60,062 immorru lura għall-leġislatura 2010 – 2012.

Is-Sindku Alfred Grima nforma, li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħat u korrispondenza mal-Water Services Corporation. Jirriżulta, li kaġun li ma ttieħdux il-passi neċessarji fi żmienhom, il-fondi nkwistjoni mhux possibbli li jiġu rkuprati għax huma meqjusa preskritti. Għaldaqstant, u fuq ir-rakomandazzjoni ta' l-awdituri li staqsew, "meta l-kunsill se jirrikonoxxi dawn l-ammonti bħala djun ħżiena (bad debts)", is-Sindku ressaq mozzjoni biex l-ammont ta' €78,462 f'arrettrati dovuti lill-kunsill jiġu dikjarati bad debts. Il-Kunsill Chris Vella Petroni ssekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

**58.12 Water Services Corporation - Proġetti diversi**

Proġett marbut ma distribuzzjoni ta' ilma għall-bdiewa fi Triq Għajn Tuffieħa huwa ppjanat

li jitlesta sa Frar u dak ta’ Triq San Martin sa f’Marzu 2023, bil-kisi tat-tarmak isir wara. Ix-xogħolijiet bejn il-Miżieb sa Limbordin huma ppjanati li jibdew minn naħa tal-Mellieħa fis-6 ta’ Frar u jieħdu sa l-aħħar ta’ April 2023.

Mill-Limbordin sa Triq Għajn Tuffieħa, ix-xogħolijiet huma ppjanati li jibdew kif jitlestew dawk tal-Miżieb, li mistennija jkunu lesti sa Ġunju 2023. Din l-informazzjoni nkisbet wara laqgħa bejn il-kunsill u l-WSC. Fiha ssemma, li kawża ta' dawn ix-xogħolijiet it-triq inkwistjoni jaf tkun magħluqa għal madwar xagħrejn. Tqajjem il-punt dwar jekk ix-xogħolijiet isiru matul il-lejl hemmx ħtieġa li t-triq tingħalaq xorta kompletament matul il-jum għar-residenti ta’ Limbordin.

Il-kunsill ma huwiex favur li t-triq tingħalaq kompletament għar-residenti. Jissuġġerixxi, li d-diriġenti ta’ Water Services Corporation jiltaqaw mar-residenti ta’ Limbordin minħabba l-fatt li dawn ix-xogħolijiet se jolqtu lilhom direttament għal
madwar xagħrejn.

**F’Telegħt ix-Xemxija**, ix-xogħolijiet se jsiru mingħajr il-ħtieġa li tinqala t-triq kollha kif kien previst li jsir. Huwa mistenni li dawn jieħdu 17 il-ġimgħa b’investiment ta’ €1.1 miljun.

**Xagħra tal-Bandieri** u l-akkwati, ix-xogħolijiet ta’ tkabbir ta’ infrastruttura mistennija li jieħdu 50 ġimgħa b’investiment ta’ €8.1 miljun.

**Triq il-Katidral, Triq San Pubbliju** u l-akkwati, ix-xogħolijiet li jikkonnetjaw is-sistema għal ma l-infrastruttura ġdida mistennija li jieħdu 50 ġimgħa b’investiment ta’ €2 miljun.

## 58.13 Affarjiet Oħra

***58.13.1 PA/05587/21- 30, Triq Stella Maris, San Pawl il-Bahar***

*Removal of and excavation beneath front terrace of ground floor maisonette and construction of a 22- room 8-storey Class 3B 3-Star Hotel with an overlying receded floor and an underlying basement floor; with related amenities consisting in a studio suite, restaurant, gym and rooftop swimming-pool. Representation 22 September 2021*

Il-kunsilliera ġew ippreżentati bi pjanti tal-binja nkwistjoni, DBA report 205a maħruġ mill-Awtorita ta’ l-Ippjanar, rapport ta’ l-ERA u Sovritenza tal-Wirt Kulturali, ittra ta’ Dr.M.Demarco u kopja ta’ oġġezzjoni li ddaħħlet ma l-Awtorita ta’ l-Ippjanar.

Is-Sindku nforma, li l-applikazzjoni kienet ġiet diskussa fil-laqgħa 36 tal-15 ta’Settembru 2021. Dak inhar il-kunsill ma kienx sab oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni. Informa ukoll li l-kunsill issottometta żewġ rappreżentazzjoni ma l-Awtorita ta’ l-Ippjanar bl-aħħar waħda datata 10 ta’ Jannar 2023.

Il-kunsill huwa preokkupat ferm bil-propost tħaffir issuġġerit f’din l-applikazzjoni u l-impatt negattiv li dan jista jħalli fuq il-bini u t-toroq tal-madwar. L-iżvilupp propost jinsab qrib ta’ xelter storiku u l-Għar tal-Veċċja, li huwa karatteristika ġeomoroloġika naturali protetta.

Il-kunsill ifakkar, li fl-inħawi saru diversi nċidenti relatati ma żvilupp ta’ bini u għaldaqstant f’dan l-istadju ma huwiex fil-pożizzjoni li jkun favur l-applikazzjoni qabel jiġi żgurat permezz ta’ studju li l-ebda impatt negattiv ma se jsir fl-istrutturi kollha ta’ l-inħawi. Staqsa, dwar jekk l-infrastruttura eżistenti tas-servizz tad-drenaġġ, ilma u dawl humiex kapaċi jifilħu aktar żviluppi simili.

Il-kunsill jifhem ukoll, li dak propost imur kontra dak stabbilit fil-pjan lokali b'mod speċjali fejn jirrigwardja l-limitazzjoni ta' l-għoli tal-bini.

Konklużżjoni:

Wara li ttieħed inkonsiderazzjoni d-DBA Report 205a u dak elenkat hawn aktar il-fuq dwar l-applikazzjoni PA/05587/21- 30, Triq Stella Maris, San Pawl il-Bahar, il-kunsill f'dan l-istadju, ma huwiex favur l-applikazzjoni.

***58.13.2 PA/07878/22 Triq Wied Qannotta, Burmarrad - ODZ***

*Proposal of four (4) stables and supporting amenities*

Il-kunsill oġġezzjona għal applikazzjoni għall-fatt li dak propost ma huwiex relatat mal-biedja u li l-art hija ODZ. Joġġezzjona ukoll kemm il-darba l-applikant ma huwiex bidwi full time

**58.14 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizż.**

**58.14.1** Tabelli ta' merħba fil-lokalita'

Il-kunsill approva li jinbidlu t-tabelli ta' merħba mifruxa madwar il-lokalita', isiru tabelli edukattivi minflok l-arloġġi diġitali u li jiġu ordnati tabelli b'iskeda ġdida tal-ġbir ta' lis-iskart biex jitwaħħlu f'postijiet strateġiċi. Dan se jsiru b'kolloborazzjoni ma l-Akwarjum Nazzjonali.

Il-kunsill approva nem.con bil-kundizzjoni li l-logos isiru ndaqs.

**58.14.2 Ħarġa għal anżjani Frar 2023**

Il-kunsill approva li għal ħarġa ta' Frar 2023, jagħmel tajjeb finanzjarjament għat-trasport u għad-dħul ta' l-anzjani fil-Limestone Heritage Park.

**58.14.3 Kiri u/jew xiri ta' vettura għal użu tal-ħaddiema ta' barra**

Il-kunsill approva li tinħareġ sejħa għal kiri u/jew xiri ta' vettura għal użu tal-ħaddiema ta' barra sa massimu.

**58.14.4 Sahra mill-ħaddiema tal-kunsill**

Il-Kunsill approva, li s-Segretarju Eżekuttiv ikun il-persuna li jawtorizża kwalunkwe sahra meħtieġa mill-ħaddiema tal-kunsill fis-sena 2023.

**58.14.3 Volleyball**

Il-Kunsill approva x-xiri ta' l-apparat meħtieġ għat-tagħlim tal-volleyball sa massimu ta' €1,000 u spiża ta' €15 għal kull siegħa ta' tagħlim mill-Kowċ magħżul.

**58.15 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti numru 1**

Il-Kunsilliera Mary Borg u Anthony Delia ipproponew u s-sekondaw rispettivament l-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda 1 ġiet approvata mill-kunsill nem.con.

**58.16 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20.20 hrs u aġġornata għat-.Tlieta 21 ta' Frar 2023 fil-17.30 hrs.

**Approvati fl-21 ta' Frar, 2023**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ___________________ | ___________________ |
| Alfred Grima | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |